3 ta' Ottubru, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Xuereb et. *versus* Perit Carmelo Micallef ne., et.

**Danni — Gvern — Art. 1073 u 1074 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tirrendi responsabili tal-ħsara li tiġri bi ħtija ta' min ikun kaġun ta' dik il-ħtija hija ġenerika, u ma tagħmel ebda eċċezzjoni, lanqas għall-Gvern; u għalhekk il-Gvern huwa obligat jagħmel tajjeb għad-danni fil-każ li huwa, fl-eżerċizzju tad-drittijiet tiegħu, joħroġ mill-ġusti limiti u jikkaġuna preġudizzju lit-terzi.*

*U l-Qrati Tagħna waslu sal-pont li rritenew illi, meta l-att tal-Gvern jikkostitwixxi preġudizzju lit-terzi, dak l-att jista' jiġi sindakat mit-tribunali, u jista' jiġi eventwalment minnhom revokat; u illi l-Gvern huwa responsabili tal-ħsara li huwa jikkaġuna lill-proprjetà privata anki b'opri ta' utilità publika.*

*Jekk imbagħad il-Gvern ikunx ħareġ mill-ġusti limiti tad-drittijiet tiegħu, jekk kiserx il-liġi u kkaġunax leżjoni nġusta lid-drittijiet*

*tal-privat, huma kwistjonijiet li jiġu eżaminati fil-meritu tal-kawża; b'mod li l-Gvern ma jistax "a priori" u b'mod preġudizzjali, jippretendi li m'huwiex responsabili tal-ħsara reklamata mill-attur kontra tiegħu. Din hija eċċezzjoni li tiġi deċiża wara li jkun ġie eżaminat il-meritu.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, peress illi f'Ottubru 1951 l-instanti sofrew ħsara fil-ġonna tagħhom li jinsabu fil-vallata msejħa "Wejter", f'Birkirkara, konsistenti fit-twaqqiegħ ta' ħitan u ta' kmamar, qlugħ ta' siġar, u danni oħra, kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; u peress li din il-ħsara ġiet kaġunata mill-wied ta' l-ilma tax-xita minħabba xogħolijiet eżegwiti mill-konvenuti, li biddlu l-istat ta' l-affarijiet anterjuri — liema xogħolijiet jikkonsistu (1) fir-riduzzjoni tad-daqs ta' l-arkata ta' l-ilma fl-ewwel ħajt ta' taħt il-pont ta' Birkirkara li jmiss mal-ġnien tal-familja Frendo Micallef; (2) fil-ftuħ ta' toroq ġodda bil-pendil maqlub għal fuq il-ġonna ta' l-instanti, mingħajr kanali għat-tmexxija separata ta' l-ilma hekk miżjud; (3) fil-bini ta' diversi filati kantun taħt l-arkata fuq imsemmija, b'mod illi ma jċedux taħt il-pressjoni ta' l-ilma, minflok b'ġebliet żgħar bi spazji bejniethom, kif kien qabel; u peress li l-konvenuti naqsu milli jneħħu n-naqal li akkumula ruħu quddiem il-ħitan tal-ġonna, b'mod li l-aperturi intiżi għall-ilma ċċekknu, u ħailew krietel kbar ħdejn l-aperturi; u peress li kien hemm attijiet u ommissjonijiet oħra, li jiġu pruvati fit-trattazzjoni tal-kawża; u peress illi l-konvenuti huma responsabili għad-danni fuq imsemmija, stante illi arbitrarjament u illegalment żiedu l-kwantità ta' l-ilma li jgħaddi mill-wied, u fl-istess ħin ostakolaw il-kors liberu tiegħu b'mod illi l-ilma ma setax jgħaddi minn taħt l-arkata kif imbaxxija, li ġiet faċilment miżduda, u b'hekk għadda mill-ġonna ta' l-instanti f'salt wieħed wara li kellu pressjoni biżżejjed biex iwaqqa' l-ħajt kollu ta' l-isqaq li jmiss mal-proprjetà tal-familja Frendo Micallef fuq imsemmija; wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji, u wara li jittieħdu l-provvedimenti kollha meħtieġa, talbu li l-konvenuti, jew min minnhom, (1) jiġu dikjarati minn dina l-Qorti responsabili għad-danni fuq imsemmija, u li jiġu konstatati anki b'opra ta' periti nominandi — danni li jiġu likwidati

f'ġudizzju separat; (2) jiġu kundannati jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa biex ipoġġu l-affarijiet kollha fl-istat pristinu, sija dwar iż-żieda fil-kwantità ta' l-ilma, u sija dwar l-ostakoli għall-kors liberu tal-wied ta' l-ilma — u dan fi żmien perentorju li tiffissa l-Qorti; u jekk dana igħaddi inutilment, l-istanti jkunu awtorizzati jeżegwuhom huma stess a spejjeż tal-konvenuti, taħt id-direzzjoni ta' perit nominand għal dana l-iskop. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest tad-9 ta' Ottubru 1951, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita irresponsabilità tal-Gvern;

Illi skond l-art. 1073 (Kod. Ċiv.), "kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmissu ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dana l-użu", u "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu" (art. 1074 Kod. ċit.). Il-lokuzzjoni talliġi hija ġenerika, u ma tagħmel ebda eċċezzjoni, lanqas għall-Gvern. Għalhekk anki l-Gvern obligat jagħmel tajjeb għaddanni fil-każ li huwa, fl-eżerċizzju tad-drittijiet tiegħu, joħroġ mill-ġusti limiti u jikkaġuna preġudizzju lit-terzi. "Lo Stato", josserva Laurent, "che esegue un lavoro di pubblica utilità, esercita un diritto e compie un dovere; non meno........... deve riparare i danni che cagiona allorchè, usando del diritto proprio, lede il diritto altrui". U aktar 'il quddiem :— "Lo Stato ha agito nell'interesse generale. Ciò non impedisce, dice la Cassazione di Parigi, che lo Stato sia sottoposto alle stesse regole di responsabilità cui sono soggetti i particolari, e debba rilevare il danno cagionato con la sua colpa ai proprietari privati. Ogni fatto dell'uomo, dice la decisione, che arreca danno altrui obbliga colui per colpa del quale è avvenuto a rilevarlo. Questo principio è applicabile allo Stato al pari che ai privati" (Diritto Civile, Vol. XX, no. 408 u 439);

Illi dana l-prinċipju jinsab konfermat anki mill-Qrati Tagħna. Difatti dina l-Qorti, fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Marzu 1918 fil-kawża "Micallef vs. Onor. Vella ne.", ċitata mill-konvenuti, wara li ddikjarat illi "le pubbliche amministrazioni non possono essere tradotte innanzi ai tribunali per atti di fine ed interesse *generale*", għamlet *eċċezzjoni* "per ingiuste lesioni dei diritti dei privati a base di un contratto,

di una lite, della proprietà o del possesso" (Kollez. Vol. XXIII—II—323). L-istess riżerva saret fil-kawża "Marquis James Cassar Desain vs. James Louis Forbes, O.B.E. ne.", deċiża mill-Qorti ta' l-Appell tar-Reġina fis-7 ta' Jannar 1935, ċitata wkoll mill-konvenuti, fejn ingħad li "*if in the final judgment on the merits of the case it should be held that for some reason or other there has been a contravention of the law, it cannot be considered as coming under and within the limits of the sovereign authority*" (Kollez. XXIX—I—43);

Illi, kwantu għall-preġudizzju derivanti lit-terzi minn att tal-Gvern, l-istess prinċipju ġie osservat, sal-punt li dak l-att hekk *preġudizzjevoli jista' jiġi sindakat mit-Tribunali, u jista' jiġi eventwalment mit-Tribunali revokat* (v. Kollez. XV, 571; XVIII—II—147; XXXI—I—635; u Kumm. 30. 10. 51 in re "Peter Olivieri vs. George Schembri et.");

Illi, del resto, ir-rispett għad-dritt tal-proprjetà jimponi ruħu anki lill-Gvern (arg. art. 357 Kod. Ċiv.); u l-Qrati Tagħna rritenew lill-Gvern responsabili tal-ħsara li dan, anki b'opri ta' utilità publika, jikkaġuna lill-proprjetà privata (v. Kollez. XVIII—II—171, u P.A. 7. 2. 1953 in re "Micallef vs. Mc Cance");

Illi jekk il-konvenuti, in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, ħarġux mill-limiti ġusti tad-drittijiet tagħhom, kisrux *il-liġi*, u kkaġunawx *leżjoni inġusta lid-drittijiet ta' l-attur*, huma ħwejjeġ li jiġu eżaminati fil-meritu tal-kawża; u għalhekk il-konvenuti ma jistgħux "a priori", u b'mod preġudizzjali, jippretendu li l-Gvern mhuwiex responsabili tal-ħsara reklamata mill-attur. L-importanza ta' dan ir-rifless tikber meta wieħed jikkunsidra li, fil-każ li l-Gvern aġixxa sempliċement "*jure gestionis*", *irid jiġi aċċertat min kien jew kienu* l-impjegati li pproġettaw u ddiriġew ix-xogħol li kkaġuna l-ħsara, biex wieħed jara jekk kellhomx il-kapaċità neċessarja jew jekk kienx hemm "culpa in eligendo"; u s'issa l-Gvern ma indikax min huma dawn l-impjegati;

Illi fit-tielet domanda l-atturi qegħdin jitolbu sostanzjalment *li tkun rimossa l-kawża tal-ħsara, u li kollox jerġa' jitqiegħed kif kien qabel.* Issa, ladarba l-fond fejn saru x-xogħlijiet lamentati jappartjeni lill-Gvern, l-azzjoni relativa għan-

dha tiġi indubbjament rivolta kontra tiegħu bħala proprjetarju (Kollez. XXIX—I—43, ċitata mill-konvenuti);

Għal dawn il-motivi;

Tissoprassjedi, għal issa, milli tiddeċidi l-preġudizzjali opposta mill-konvenuti nomine;

U tordna li l-kawża tinstema' fil-meritu fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 1953;

Spejjeż riżervati għad-deċiżjoni finali.